

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1693

tal-21 ta' Settembru 2021

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/2010 b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' armi ħfief, ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon u l-impatt tagħhom fl-Amerka Latina u l-Karibew fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti u l-Munizzjoni tagħhom "Aktor Sigurtà fuq l-Armi Biex Niproteġu liċ-Ċittadini"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill adotta Deċiżjoni (PESK) 2018/2010 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/2010 tipprevedi perijodu ta' implimentazzjoni ta' 36 xahar għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dik id-Deċiżjoni mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) ta' dik id-Deċiżjoni.
- (3) L-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS) talbet biex il-perijodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/2010 jiġi estiż b'ħames xhur, sal-31 ta' Mejju 2022, sabiex jitqies id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-proġetti taħt id-Deċiżjoni (PESK) 2018/2010 minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19.
- (4) Il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/2010 sal-31 ta' Mejju 2022 tista' titwettag mingħajr ebda konsegwenza fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji.
- (5) Jenħtieġ għalhekk li d-Deċiżjoni (PESK) 2018/2010 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 5, il-paragrafu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2018/2010 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Mejju 2022."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2010 tas-17 ta' Diċembru 2018 b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' armi ħfief, ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon u l-impatt tagħhom fl-Amerka Latina u l-Karibew fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti u l-Munizzjoni tagħhom "Aktor Sigurtà fuq l-Armi Biex Niproteġu liċ-Ċittadini" (ĠU L 322, 18.12.2018, p. 27).

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Settembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
G. DOVŽAN
